ŻEBBUĠ

**<u>MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN</u> Nru. 20/2011**

**Aġenda Nru. KAM 17/2011**

**Iltaqa' fil-Bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ**

**Data: Il-Ħamis, 6 ta' Ottubru 2011**

**Ħin: Fis-2.30 ta' wara nofsinhar**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sinjura Maria Saliba – Chairperson**
- **Is-Sur Emanuel Debono – Deputat Chairperson**
- **Is-Sur Victor Refalo – Membru**
- **Is-Sur George Sacco – Membru**
- **Is-Sur Joseph Zammit – Membru**
- **Il-Kav. Carmelo Saliba – *Ex Officio***
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Ippresjediet il-laqgħa ċ-Chairperson is-Sinjura Maria Saliba.

## TALBA

Intqalet talba miċ-Chairperson u ngħata bidu għall-laqgħa.

## APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Billi l-minuti tal-laqgħat b' nru. 16/2011 – 25 ta' Awwissu 2011, 17/2011 – 30 ta' Awwissu 2011, 18/2011 – 5 ta' Settembru 2011 u 19/2011 – 19 ta' Settembru 2011 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

Iċ-Chairperson talbet għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

Iċ-Chairperson talbet għall-approvazzjoni tal-minuti kif ippreżentata u staqsiet għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu.

Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

## PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

Ma tqajjmux punti mill-minuti.

Il-Viċi Chairperson irrimarka li rċieva diversi kummenti favorevoli dwar l-attivita' tar-ri-animazzjoni ta' tieġ fl-antik li saret mill-grupp folk tal-Qala f' Marsalforn u sostna li għalhekk il-Kumitat għandu jkompli jaħdem biex jitwaqqaf il-propost ċentru ta' snajja ġewwa Marsalforn.

## KORRISPONDENZA

Memo 89/2011 tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar attivitajiet fil-lokalitajiet b' risq il-Malta Community Chest Fund. Is-Sur Refalo talab kopja tar-rendikont tal-attivita' li kienet saret fl-2010. Kien miftiehem li l-ġimgħa ta' wara, il-Kumitat kellu jikkomunika mas-Segretarja Eżekuttiva dwar attivita' biex fiha jinġabru fondi b' risq il-Malta Community Chest Fund.

Memo 90/2011 tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali skema dwar inizzjattivi sportivi fil-lokalitajiet 2012.

Iċ-Chairperson issospendiet l-Aġenda biex indirizzaw lill-Kumitat il-bdiewa li għandhom l-egħlieqi fi Triq il-Qbajjar (fejn trid tinqata' l-linja tat-triq).

Il-Kumitat talab lis-Segretarja Eżekuttiva biex tgħarraf lill-Perit li hemm bdiewa li m' aċċettawx il-kumpens mogħti lilhom mill-Gvern.

Memo 94/2011 tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar tabella fid-daħla ta' kull *playground* tal-Kunsilli Lokali.

Komunikat tas-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali dwar ilment li rċieva fir-rigward ta' vandaliżmu fuq karrozzi fi Triq ix-Xagħra u Triq is-Sajjied.

Ittra mibgħuta minn Transport Malta dwar il-*mini roundabout* proposta għal Pjazza San Pawl. Il-Kumitat qabel li ssir reviżjoni tal-pjanta kif mitlub minn Transport Malta.

Komunikat ta' Ms Sue Tasker fejn issuġġeriet li titwaħħal tabella ta' direzzjoni li turi Public Toilets fil-*promenade* tal-Qbajjar.

Ittra mibgħuta minn Therese Attard dwar numru ta' *car boot sales* li ser isiru fil-*car park* ta' Marsalforn (2011 – Ott 16 u Nov 13, 2012 – Mar 18, Apr 15, Mej 13 u Sett 16). Ma kienx hemm oġġezzjonijiet li jsiru dawn il-*car boot sales* fil-*parking* ta' Marsalforn.

Dwar il-*one-way* ta' Triq il-Qbajjar, iċ-Chairperson ressqet għall-vot jekk dik il-parti tat-triq tibqax *one-way* jew terġa' tinfetaħ *two-way*.

Is-Sindku rrimarka u talab lill-Kumitat jikkunsidra l-fatt li Triq il-Qbajjar hi ta' servizz għall-komunita' kollha.

**Favur li jinqalgħu t-tabelli tal-*one-way.***
Iċ-Chairperson, il-Viċi Chairperson u s-Sur Refalo.

**Kontra li jinqalgħu t-tabelli tal-*one-way.***
Is-Sur Sacco u s-Sur Zammit.

Tlett voti favur u tnejn kontra.

It-tabelli tal-*one-way* ser jinqalgħu u t-triq tinfetaħ *two-way*.

Iċ-Chairperson qalet li hemm xi *double lines* nieqsa fi Triq il-Qbajjar. Is-Segretarja Eżekuttiva għandha tkellem lil tar-Roads Department biex dawn is-sinjali jsiru.

Il-Kumitat qabel li jikteb lill-Awtorita' dwar l-Ambjent u l-Ippjanar dwar il-ħajt ta' lqugħ mibni fuq art pubblika fi Triq il-Qbajjar u jitlob biex dan il-ħajt jinqala' u jinbena fuq l-art tal-iżviluppatur.

Il-Kumitat iddeċieda li jitlob stima lil Richard Cauchi għall-manutenzjoni li trid issir fuq bażi regolari fuq il-funtana tal-promenade tal-Qbajjar (għal sena).

Il-Kumitat approva:

- *bring-in site* għall-użu tal-istabbilimenti ta' Marsalforn fil-*car park*.
- jsiru *partitions* tal-kantun u qiegħ tal-konkos għal taħt l-i*skips on wheels* u l-*bring-in sites* tal-*car park* ta' Marsalforn.
- terġa' titwaħħal il-lampa mal-proprjeta' tal-President Emeritus Ċensu Tabone fi Triq il-Qbajjar u li tiġi faċċata tal-Lantern Guesthouse.
- jitwaħħal isem tat-triq fi Triq is-Sajjied (l-ewwel triq min-naħa tax-Xagħra).

## ILMENTI

KAM 24/2011 – Joe Cauchi
Issuġġerixxa li jsiru sinjali ta' direzzjoni maġenb il-*bring-in site* tal-Qbajjar u fi Triq il-Qbajjar fejn ir-residenza Xanah. Suġġeriment ser ikun kunsidrat qabel is-sajf li ġej.

KAM 23/2011 – Anġela Farrugia
Talbet biex isir *double yellow line* minn quddiem Blk C il-fuq fi Triq ix-Xagħra. It-talba kienet approvata – issir *site visit* mill-Perit.

## AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ntemmet fil-4.45 ta' filgħaxija u l-Kumitat Amministrattiv aġġorna *sine die*.

**Maria Saliba**
***Chairperson***

**Diane Tagliaferro**
***Segretarja Eżekuttiva***